

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Ġunju 2011 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-67/10) <sup>(1)</sup>**(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikors għal kumpens tad-danni li għandu bħala suġġett l-intaxxar tal-ispejjeż — Inammissibbiltà)**

(2012/C 138/64)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma jiġux rimborsati żewġ terzi tal-ispejjeż sostnuti mir-rikorren fil-kuntest tal-Kawża F-41/06.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

(2) M. Marcuccio huwa kkundannat għall-ispejjeż kollha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 288, 23.10.2010, p. 74.**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-8 ta' Settembru 2011 — Maruccio vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-69/10) <sup>(1)</sup>**(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikors għad-danni — Illegali — Trażmissjoni ta' ittra dwar l-ispejjeż ta' kawża lill-avukat li rrappreżenta lir-rikorren f'din il-kawża — Rikors manifestament infondat fid-dritt — Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura)**

(2012/C 138/65)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Luigi Maruccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentanti: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba tar-rikorren intiża sabiex jkseb kumpens minħabba li l-konvenuta bagħtet ittra, li tirrigwarda lir-rikorren lil avukat li kien għadu ma jirrappreżentax f'din il-kawża.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.

(2) L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż kollha.

(3) L. Marcuccio huwa kkundannat iħallas lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku s-somma ta' EUR 2 000.

<sup>(1)</sup> ĠU C 288, 23.10.2010, p. 75.**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Marzu 2011 — AP vs Il-Qorti tal-Ġustizzja**

(Kawża F-107/10)

**(Servizz pubbliku — Dewmien — Inammissibbiltà manifesta)**

(2012/C 138/66)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: AP (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: B. Cortese u C. Cortese, avukati)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Ġustizzja

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-Qorti tal-Ġustizzja li, minkejja li tagħti lir-rikorren id-dritt għall-allowance tad-dar mill-1 ta' Lulju 2009, tagħtih id-dritt għall-benefiċċju minn din l-allokkazzjoni biss mill-1 ta' Novembru 2009 u, sussidjarjament, talba għad-danni.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.

(2) AP għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-25 ta' Lulju 2011 — Filice et vs Il-Qorti tal-Ġustizzja**(Kawża F-108/10) <sup>(1)</sup>**(Servizz pubbliku — Aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u tal-membri oħra tal-persunal — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni)**

(2012/C 138/67)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Filice et (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: B. Cortese, C. Cortese u F. Spitaleri, avukati)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. V. Placco, aġent)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-konvenuta, riprodotti fid-dikjarazzjonijiet tar-remunerazzjoni tar-rikorrenti, li jillimitaw l-aġġustament tal-paġi tagħhom, b'effett minn Lulju 2009, għal żieda ta' 1,85 % fil-kuntest tal-aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u tal-membri oħra tal-persunal fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009, tat-23 ta' Diċembru 2009.

**Dispożittiv tad-digriet**

- (1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors F-108/10, *Filice et vs Il-Qorti tal-Ġustizzja*.
- (2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 30, 29.01.2011, p. 65.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Lulju 2011 — Zaffino vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-18/11)

*(Servizz pubbliku — Persuni li jinvokaw il-kwalifika ta' uffiċjal jew ta' membru tal-persunal tal-Unjoni Ewropea — Rikors — Inammissibbiltà manifesta — Nuqqas ta' osservanza tal-proċedura prekontenzjuża)*

(2012/C 138/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Pasqualino Zaffino (Gallarate, l-Italja) (rappreżentant: S. Costantino, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Talba tar-rikorrent intiża sabiex jiġi rrikonoxxut lilu l-istatus ta' membru tal-persunal tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) P. Zaffino għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Lulju 2011 — Galvan vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-19/11)

*(Servizz pubbliku — Persuni li jinvokaw il-kwalifika ta' uffiċjal jew ta' membru tal-persunal tal-Unjoni Ewropea — Rikors — Inammissibbiltà manifesta — Nuqqas ta' osservanza tal-proċedura prekontenzjuża)*

(2012/C 138/69)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Mario Galvan (Besano, l-Italja) (rappreżentant: S. Costantino, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Talba tar-rikorrent intiża sabiex jiġi rrikonoxxut lilu l-istatus ta' membru tal-persunal tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) M. Galvan għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Lulju 2011 — Bracalente vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-20/11)

*(Servizz pubbliku — Persuni li jinvokaw il-kwalifika ta' uffiċjal jew ta' membru tal-persunal tal-Unjoni Ewropea — Rikors — Inammissibbiltà manifesta — Nuqqas ta' osservanza tal-proċedura prekontenzjuża)*

(2012/C 138/70)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Gianpaolo Bracalente (Ispra, l-Italja) (rappreżentant: S. Costantino, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Talba tar-rikorrent intiża sabiex jiġi rrikonoxxut lilu l-istatus ta' membru tal-persunal tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) G. Bracalente għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Lulju 2011 — Pirri vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-21/11)

*(Servizz pubbliku — Persuni li jinvokaw il-kwalifika ta' uffiċjal jew ta' membru tal-persunal tal-Unjoni Ewropea — Rikors — Inammissibbiltà manifesta — Nuqqas ta' osservanza tal-proċedura prekontenzjuża)*

(2012/C 138/71)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Antonio Gerardo Pirri (Travedona Monate, l-Italja) (rappreżentant: S. Costantino, avukat)